**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Settembru 2001**

**Rikors Nru: 196/98B**

**Joseph Aquilina Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess il-Prebenda Parrokkjali tal-Parrocca ta' Santa Marija Mellieha**

**Vs**

**Joseph Bartolo**

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti nomine:

Illi l-Kappillan tal-Mellieha kien jikri lil Mikelina armla Bartolo omm l-intimat il-fond 12 Misrah iz-Zjara tal-Papa Mellieha bil-kera ta' Lm15 fis-sena l-ewwel skadenza fis-17 ta' Mejju 1999.

Illi Mikelina Bartolo mietet fl-4 ta' Ottubru 1998 u d-dar tinsab vojta.

Illi l-ahhar kera li thallset kienet fil-21 ta' Gunju 1994 u thallset ghas-snin 1993 u 1994.

L-intimat ghandu r-residenza ordinarja tieghu f' 471 Triq ix-Xaghra ta' Barra Mellieha.

Illi l-Kappillan ghandu bzonn din id-dar ghall-uzu pastorali – kien ghalhekk li ma ghadditx ghand il-Gvern taht il-Ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob li jkun awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-imsemmija dar fi tmiem ir-rilokazzjoni kurrenti.

Ra r-risposta fejn l-intimat qal:

1. Illi l-Judizzju mhux integru stante mhux l-uniku eredi ta' Michelina Bartolo.

2. Illi r-rikorrenti irid jipprova li huwa il-proprjetarju tal-fond "de quo".

3. Illi l-Kappillan irid jipprova l-uzu pastorali tieghu.

4. Illi d-decujus gia kienet applikat sabiex tixtri l-istess fond u l-applikazzjoni taghha gia kienet processata.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra d-dokumenti

Ra l-atti kollha

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ra l-verbal tat- 12 ta' Gunju 2001

Ikkunsidra,

1. Illi b' rikors tat-8 ta' Gunju 2000 l-intimat eccepixxa ulterjorment l-inkompetenza tal-Bord:

"Illi ai termini tal-Kap 69 il-kompetenza hija cirkoskritta fl-artikoli 3,8,9,14 ossija ripresa tal-fond, awment tal-kera u bdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja.

Illi jirrizulta ampjament illi l-Bord huwa inkompetenti li jiggudika fuq it-titolu tal-fond lil min jappartjeni."

2. Din l-eccezzjoni hi l-istess bhal dik fil-paragrafu 2 tar-risposta msemmija ukoll fir-rikors tat-8 ta' Gunju

"Illi r-rikorrenti irid jipprova li huwa il-proprjetarju tal-fond de quo"

3. Din m' hiex kwistjoni ta' kompetenza.  Li jrid jiddeciedi il-Bord hija kwistjoni ta' fatt: jekk l-esponent nomine kienx il-proprjetarju tal-fond in kwistjoni.  Haga li tqum ta' sikwiet quddiem il-Bord.  Il-kawzali fir-rikors hija dwar 'bzonn' tar-rikorrent nomine.

4. Ghalhekk il-Bord jiddikjara ruhhu kompetenti li jiddeciedi l-kwistjoni u qed jichad l-eccezzjoni dwar l-hekk imsejha kompetenza.

5. Il-Bord jghaddi biex jikkonsidra jekk ir-rikorrent kienx is-sid tal-fond.  Mix-xhieda moghtija mill-avukat dottor Godwin Grima, Agent Direttur tal-Ufficju Kongunt, fis-seduta tas-26 ta' April 2001 jirrizulta li l-fond bhal issa huwa ta' l-Istat Malti u l-Knisja ta' Malta ghamlet applikazzjoni biex tiehu l-fond lura.  Meta sar ir-rikors u illum, r-rikorrent fil-kwalita tieghu ma' kienx il-proprjetarju tal-fond.  Il-knisja ta' Malta talbet il-fond.  Fl-istess hin l-intimat ghamel applikazzjoni biex jixtri l-fond imma billi tridu l-knisja ta' Malta, it-talba tieghu ghada pendenti.

Billi r-rikorrenti nomine ma humiex is-sidien tal-post il-Bord jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gjudizzju.  Billi l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza giet michuda l-ispejjez jithallsu f' ishma indaqs bejn il-partijiet, nofs mir-rikorrent nomine u nofs mill-intimat.

Dep.Reg Magistrat